**REGJUN XLOKK**
VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# MINUTI

## Laqgħa tar-Regjun Xlokk

## Laqgħa Nru. 20/2019 tat-Tielet Amministrazzjoni

Data: 22 ta' Jannar 2019

Ħin: 17.30

Post: Ufficcju Amministrattivi tar-Regjun Xlokk, f' 97 Triq Santa Marija, Tarxien.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Chev Paul Farrugia** | President u Sindku | Reġjun Xlokk/Kunsill Lokali Tarxien | PREŻENTI |
| **Sur Lawrence Attard** | Kunsillier | Kunsill Lokali Birgu | PREŻENTI |
| **Sra. Alison Zerafa Civelli** | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | PREŻENTI |
| **Sur Vincent Borg** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Floriana | PREŻENTI |
| **Sur Pierre Dalli** | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | PREŻENTI |
| **Sur Clive Pulis** | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Isla | PREŻENTI |
| **Sra Speranza Chircop** | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | PREŻENTI |
| **Sur Francis Debono** | Sindku | Kunsill Lokali Marsa | PREŻENTI |
| **Sur Horace Gauci** | Sindku | Kunsill Lokali M'xlokk | PREŻENTI |
| **Sur Charlot Mifsud** | Kunsillier | Kunsill Lokali M'skala | PREŻENTI |
| **Sur Dominic Grima** | Sindku | Kunsill Lokali Paola | PREŻENTI |
| **Sur Vince Farrugia** | Kunsillier | Kunsill Lokali Valletta | ASSENTI |
| **Sur Anthony Valvo** | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | PREŻENTI |
| **Sur Marc Vella Bonnici** | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | ASSENTI |
| **Sinj. M. Doris Abela** | Sindku | Kunsill lokali Zejtun | PREŻENTI |
| **Sna Antonella Galea** | A/Segretarju Eżekuttiv | | |

### AĠENDA

20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

20.3 Komunikazzjoni mill-President;

20.4 ECAD (*European Cities Against Drugs)* Membership –;

20.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

20.6 Rapporti;

20.7 Performance Bonus għas-sena 2018 :-

- *A/ Segretarju Eżekuttiv*
- *Reġistratur (pro-rata)*
- *Ex Reġistratur*
- *Asst. Skrivan 1*
- *Asst. Skrivan 2*

20.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 90/2019;

20.9 Mozzjonijiet;

20.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## TALBA
**Il-President qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 20.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

Ittri ta' Apoloġija

i. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kumitat Reġjonali li ma kienx hemm ittri ta' aploġija għal din il-laqgħa.

## 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffirmar Minuti

i. Peress li l-Minuti numru 19/2018 kienu ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.

Il-Kumitat approva l-Minuti 19/2018 liema Minuti ġew iffirmati mill-President u mill-Agent Segretarju Eżekuttiv.

## 20.3 Komunikazzjoni mill-President

**i.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri membri li il-każ tal-Ex Segretajru Eżekuttiv Joan Mangion fil-Qorti kien ser jinstema nhar id-19 TA' FRAR 2019 — Każ Ex Seg. Eżek. Joan Mangion

**ii.** Il-President nforma lill-Kumitat li l-LESA kienet għada mhix qed tħallas ir-*running costs* imma kienet qed tirrifondi biss is-salarji tal-impjegati. Żied jgħid li għalissa kienu għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet mal-partijiet konċernati u dan għaliex oriġinarjament mal-Ministru l-ftehim kien li dawn il-fondi jiġu kollha rifużi. — LESA

**iii.** Sadanittant żied jispjega l-President li l-ħaddiema tal-RSSL assenjati mar-Reġjun Xlokk minn Frar kienu ser imorru M'Xlokk u Fgura. — Ħaddiema RSSL assenjati mar-Reġjun Xlokk

**iv.** Il-President Paul Farrugia nforma lill-Membri tal-Kumitat li d-dokument tas-SUMP tar-Reġjun tagħna kien lest u konna bgħatnih TRASPORT MALTA. — URBACT

**v.** Il-President informa lill-Membri fi ħdan il-Kumitat Reġjonali Xlokk li għalkemm fil-laqgħat preċedenti kien ġie deċiż li tinħareġ tender reġjonali għat-tiswija tad-dawl tat-toroq, dan issa ma setax isir għaliex dan l-aħħar konna rċevejna mingħand id-DLG sabiex ma jinħarġux tenders mir-Reġjuni f'isem il-Kunsilli Lokali u dan sakemm ma tgħaddi r-riforma. — Tender Street Lighting

**vi.** Il-President nforma lill-membri li kien għad ma kellux risposta dwar l-applikazzjonijiet li diġa kienu ntefgħu għal fondi tal-UIF. Qal li kien reġa kellem lill-Ministru kif ukoll liċ-Chairman ta' Infrastructure Malta li l-PA kienet qabdet u ddecidiet u għaldaqstant kellom jkelmuhom huma. Dan il-każ kien ukoll reġa tqajjem mill-AKL. — UIF

**vii.** Il-President Paul Farrugia nforma lis-Sinjuri Membri li konna għadna qed nistennew mingħand l-Entitajiet ikkonċernati dwar it-trasferiment tal-art fejn fiha kien propost li jitla' r-Reachout Centre sabiex minn fuq il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien tgħaddi għand ir-Reġjun Xlokk. Żied li kellu jdaħħal lill-Ministru Ian Borg għaliex jidher li ċerta nies fid-Dipt ma kenux qed imexxu skond kif jinħtieġ. Sadanittant sar komunikat miċ-Chairman tal-Lands Sur James Piscopo kif ukoll mad-Direttur Marisa Pisani fejn ġie kkordinat meeting nhar is 6 ta' frar 2020. — Reachout Centre

**viii.** Il-President informa lill-Membri tal-Kumitat li kienet għalqet is-sejħa għal POOL il-ġdid tas-Segretarji Eżekuttivi prospettivi u bħalissa kienu għaddejjin l- — Vakanza Segretarju Eżekuttiv

interviews għal-inklużjoni f'dan il-pool. Għaldaqstant wieħed kellu jistenna li jerġa jiġi ffurmat il-POOL 'il-ġdid qabel ma toħroġ is-sejħa għas-Seg. Eżek. għar-Reġjun Xlokk.

**ix.** Il-President informa lis-Sinjuri membri li l-ERA kienet addottat proċeduri ġodda fejn jirrigwarda żbir u qtugħ ta' siġar. B'dawn il-proċeduri jidher li kienet żdiedet mhux ftit il-burokrazija f'dan ir-rigward. Żied jispjega li din saret problema kbira u kien ser iressaqa AKL. ERA-Proċeduri ġodda

**x.** Il-President informa lill-Kumitat Reġjonali Xlokk li l-Kunsill Lokali ż-Żejtun kien bgħat kopja tad-dokument tal-kera. Dokument tal-kera

**xi.** Il-President informa lill-Kumitat li fir-rigward tal-inizjattiva finanzjarja ta' €500,000 li kellha tinqasam bejn il-ħames Reġjuni dwar l-għoti mill-ġdid ta' tarmak ladarba x-xogħol kien lest kien ser jitħallas il-Kunsill Lokali ta' ĦAL TARXIEN. Sadanittant ħeġġeġ lill-Kunsilli li kienu għadhom fil-proċess sabiex kemm jista' jkun imexxu bix-xogħol hekk kif miftiehem. Inizjattiva Finanzjarja – Għoti ta' Tarmak

**xii.** Il-President informa lill-Membri li x-xogħol tal-ktieb li kien ser jiġi ppubblikat kien miexi sewwa u kien fi stat avvanzat. Is-Sindku Horace staqsa jekk wieħed setax jara draft qabel ma dan jiġi ppubblikat . Il-President ikkonferma li hekk kien ser jagħmel. Ipprubblikar tal-ktieb

### 20.4 ECAD (*European Cities Against Drugs)* Membership

**i.** Il-President informa lill-Membri li waqt il-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, kienet ġiet diskussa l-possibilita' li r-Reġjuni jaraw jekk kienx hemmx Kunsilli Lokali li jagħmlu parti mir-Reġjun rispettiv li xtaqu jkun membru fl-organiazazzjoni ECAD li hija l-Aġenzija kontra l-Użu tad-Drogi. ECAD

Żied jispjega li l-membership għal sena kienet tiswa €300 għal kull Kunsill Lokali li ijkun irid jissieħeb.

L-Assoċjazzjoni kienet membru u kienet ser tkun qed tiġbor mingħand ir-Reġjuni, lista ta' Kunsilli Lokali li xtaqu jissieħbu. L-Assoċjazzjoni kienet ser tħallas il-membership ta' dawk il-Kunsilli Lokali interessati imbagħad ir-Reġjun jiġbor il-flus mill-Kunsilli Lokali u jirrifondi lill-Assoċjazzjoni.

## 20.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tar-Rappreżentanti;

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

## 20.6 Rapporti

**i.** Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa

### 20.7 Performance Bonus għas-sena 2018 :- Perf. Bonus 2018

- ***A/ Segretarju Eżekuttiv***
- ***Reġistratur (pro-rata)***
- ***Ex Reġistratur***
- ***Asst. Skrivan 1***
- ***Asst. Skrivan 2***

i. Saret diskussjoni mill-Membri u ġie deċiż li kull impjegat jingħata l-massimu permissibli. Jiġifieri s-Segretarju Eżekuttiv 10% pro rata, filwaqt li l-impjegati jingħataw kollha 6%.

l-A/Seg. Eżek. irringrazzjat lill-Membri f'isimha u f'isem l-impjegati kollha.

**20.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru. 90/2018;**

i. L-Iskeda tal-Pagamenti 90/2018 ġiet approvata u ġiet iffirmata wkoll minn żewġ membri tal-Kumitat, mill-President u mill-A/Segretarju Eżekuttiv.

ii. Il-President informa lill-Kumitat li kienu għadhom qed jinħarġu u jintbgħatu xi pagamenti nkluż l-10% tal-LES dovuti lill-Kunsilli Lokali. Il-Kumitat preżenti unanimament approva li jinħarġu u jintbgħatu dawn il-pagamenti speċjalment l-10% dovuti lill-Kunsilli Lokali.

kera tar-rent taz-zejtun għaliex il-intbgħat il-kuntratt

**20.9 Mozzjonijiet**

i. Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**20.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 18:30hrs.

ii. Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar it-Tlieta 19 ta' Frar 2019 fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| *Kav. Paul Farrugia*<br>*President* | *Antonella Galea*<br>*A/ Seg. Eżek* |